MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Numru. 487/2005

**PULIZIJA**
**SPETTUR SHARON TANTI**
**VS**
**OMISSIS**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata OMISSIS talli fl-Jannar 2005 u fix-xhur ta' qabel ,b'diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,m f'San Giljan, u fi bnadi ohra fil-Gzira ta' Malta, fil-pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, b'ghemil zieni ikkorrompiet lil OMISSIS u OMISSIS it-tnejn minorenni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ l-kaz;

Rat il-verbal tal-22 ta’ Gunju 2005 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Gunju 2005 fejn il-Qorti wara li tat lill-imputata l-opportunita biex tirripensa ruhha mid-dikjarazzjoni li ghamlet, l-imputata ghazlet li tirrikonferma l-ammissjoni taghha.

Rat il-verbal tal-istess data fejn l-imputata tat ir-rilaxx sabiex l-psikologu taghha jkun jista jzomm lill-Qorti aggornata bl-attendenza tal-imputata ghal terapija mehtiega.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza.

Illi ghar-rigward tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatti speci tal-kaz u cioe illi l-imputata ghandha zewgt itfal bi bzonnijiet specjali li jiddependu fuqha totalment. Hadet n konsiderazzjoni l-eta tal-minuri (l-kwerelanti) koncernati, il-fatt illi l-imputata kienet u ghadha tbati minn dipressjoni u il-fatt illi uriet ir-rieda taghha li tircievi kull kura li hemm bzonn.

Illi in vista ta’ dana kollu il-Qorti wara li rat Art 203 tal-kap 9 , 28A u 28G tal-kap 9 tikkundanna lill-imputata ghal sentejn prigunerija sospiza ghal erba snin. In oltre tqeghda taht ordni ta’ supervizzjoni bl-istess sentenza sospiza taht is-supervizzjoni tad-direttur Mariella Camilleri jew probation officer minnha mahtur.

Illi in oltre il-Qorti tordna illi l-imputata ghandha tattendi sessions ta’ terapija minghand clinical Psychologist li taghzel hi u dana ghal perjodu almenu ta’ tmintax il-xahar

b’mhux inqas minn zewg sessions fix-xahar u dana a termini tal-Art 7(5) tal-kap 446 u 28G(2) tal-kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------